MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2004

Numru 178/2003

**Illum, 20 ta' Frar, 2004**

**App. nru 178/03 G**

**Il-Pulizija**

**vs**

***-- omissis --***

**Jean Claude Cassar**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva originarjament kontra George Degiorgio, Francis Formosa u Jean Claude Cassar talli

1 fil-25 ta' Mejju 2003 u fix-xhur ta' qabel f'dawn il-Gzejjer, bhala persuni kkundannati f'Malta ghal serq, jew ghal ricettazzjoni, kellhom fil-pussess taghhom oggetti

u ghodod ohra tajba ghal ftuh jew sgassar, minghajr ma taw kont sodisfacenti ghal-liema skop legittimu kienu jinsabu ghandhom, ai termini tal-Artikolu 287 tal-Kodici Kriminali;

2 u aktar talli saru recidivi b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Ghawdex kif ukoll ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

3 Francis Formosa wahdu kien akkuzat ukoll li kiser id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 9 tal-Kap. 152 imposti b'sentenza tal-24 ta' Settembru, 2002 mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex);

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tal-25 ta' Settembru, 2003 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lil Degiogio u lil Formosa mhux hatja skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra taghhom u konsegwentement illiberathom, izda sabet lil Jean Claude Cassar hati skond l-imputazzonijiet dedotti kontra tieghu u kkundannatu xahrejn "piena karcerarja" [recte: prigunerija] mill-liema periodu kellu jitnaqqas iz-zmien li huwa ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Jean Claude Cassar, minnu prezentat fit-2 ta' Ottubru, 2003, li permezz tieghu talab ir-revoka tal-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-14 ta' Novembru, 2003; ikkunsidrat:

L-appellant Cassar ghandu, bazikament, tlett aggravji. L-ewwel aggravju hu fis-sens li, kuntrarjament ghal dak li rriteniet l-ewwel qorti fis-sentenza taghha, hafna mill-oggetti li nstabu fl-vettura – misjuqa minn George Degiorgio u li fiha kien hemm riekeb ukoll Francis Formosa – ma kienux jikkwalifikaw bhala "ghodda ohra tajbin ghall-ftugh jew sgassar ta' serraturi" fis-sens tat-tieni parti tal-Artikolu 287 tal-Kodici Kriminali. It-tieni aggravju hu fis-sens illi hu qatt ma kien "fil-pussess" tal-oggetti li

instabu fl-vettura (oggetti li, skond il-prosekuzzjoni, huma tajbin ghall-ftugh jew sgassar ta’ serraturi), peress li dawn kienu mohbija fil-*booth* tal-vettura u hu anqas biss kien jaf bihom. L-ahhar aggravju hu fis-sens li huwa mill-ewwel ta spjegazzjoni dwar xi whud mill-oggetti li instabu – cioe` dwar dawk l-oggetti li huwa kien jaf bihom – b’mod li gie li huwa ta “kont sodisfacenti ghal liema skop legittimu” dawk l-affarijiet kienu ghandu.

Ir-reat kontemplat, taht zewg ipotesijiet differenti, fl-Artikolu 287 tal-Kodici Kriminali huwa kkunsidrat fil-ligi Taljana bhala “reato di mero sospetto”[1]. Din il-Qorti diga kellha l-opportunita` li tezamina *funditus* l-elementi ta’ dan ir-reat fis-sentenza taghha tas-6 ta’ Gunju, 1994 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech*** (u dan fuq l-iskorta ta’ sentenza aktar antika tal-Qorti Kriminali tal-15 ta’ Frar, 1944 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Gunner Joseph Degiorgio***), u ghalhekk a skans ta’ ripetizzjoni qed taghmel referenza ghal din is-sentenza ghal dawk li huma l-elementi tar-reat u specjalment ghat-tip ta’ “pussess” mehtieg fir-rigward taz-zewg ipotesijiet hemm kontemplati. Issa, fil-kaz in dizamina huwa veru li <u>xi whud</u> mill-oggetti ma jikkwalifikawx bhala oggetti “tajbin ghall-ftugh jew sgassar ta’ serraturi”. Hekk, per ezempju, huwa l-kaz tal-bicciet hbula bil-ghoqod maghhom jew fihom, tal-ingwanti u tat-*torches* – dawn huma oggetti li, iva, jistghu jintuzaw fil-kommissjoni ta’ serqa, pero` certament ma jistax jinghad li huma oggetti tajbin ghall-<u>ftugh</u> jew <u>sgassar</u> ta’ <u>serraturi</u>. L-istess, pero`, ma jistax jinghad ghall-lieva – li instabet fil-*booth* kwazi mohbija hdejn l-i*spare wheel* – u ghall-martell – li skond P.S. 812 instab mhux fil-*booth* (kif xehed l-Ispettur Maurice Curmi) <u>izda gewwa l-karozza fuq wara fl-art</u> (ara d-deposizzjoni ta’ dan is-Surgent, fol. 142 u 143).

Kwantu ghall-kwistjoni ta’ jekk l-appellant kienx jaf bl-oggetti li instabu fil-*booth* – u allura kienx jaf bl-ezistenza tal-lieva – din il-Qorti lesta li tikkoncedi li huwa ma kienx jaf b’din il-lieva. U la ma kienx jaf b’din il-lieva,

[1] Ara, a propositu, Francesco Antolisei ***Manuale di Diritto Penale – Parte Generale*** Giuffre` (Milano), 1989, pagna 193.

ma setax kien fil-pussess materjali taghha. Kif jispjega l-gurista Francesco Antolisei:

**L'elemento materiale consiste nell'possesso degli oggetti indicati nelle due norme incriminatrici[2], possesso che, a nostro avviso, deve essere consapevole, di guisa che non potrebbe essere punito chi detenesse gli oggetti medesimi a sua insaputa (per es., perche` u malintenzionato li ha posti nella di lui tasca, senza che egli se ne avvedesse).** [3]

L-istess, pero`, ma jistax jinghad fir-rigward tal-martell – li l-appellant ma jsemmiehx fir-rikors ta' appell tieghu. Dan, kif diga inghad, instab fl-istess post fejn kien jinsab riekeb l-appellant, cioe` fuq wara tal-vettura; u l-appellant jidher li kien konsapevoli ta' l-ezistenza ta' dan il-martell tant li fl-istqarrija tieghu, filwaqt li baqa' jinsisti li hu ma kien jaf xejn dwar dawk l-affarijiet li instabu fil-*booth*, huwa gharaf dawk l-oggetti li kienu fil-karozza (jigifieri fil-kabina) fosthom il-martell. Dan il-martell, ghalhekk, jista' jinghad li kien jisab fil-pussess materjali (kif spjegat fis-sentenza ta' Brincat u Dimech) ta' l-appellant (u naturalment anke tat-tnejn min-nies l-ohra li kienu fil-vettura). L-appellant, izda, baqa' ma ta ebda kont sodisfacenti ghal liema skop legittimu dak il-martell kien jinsab ghandu. Din il-Qorti tosserva illi kieku wiehed kellu jemmen ix-xhud prodott in difeza mill-istess appellant fl-istadju ta' appell – cioe` lil George Degiorgio – jirrizulta li huma t-tlieta telghu Ghawdex ghal xi n-nofs siegha jew is-siegha ta' wara nofs in-nhar, u kienu ser jirritornaw lura lejn Malta ghall-habta tas-sebgha w nofs, it-tmienja ta' filghaxija (il-hin, bejn wiehed u iehor, meta twaqqfu mill-Pulizija fl-Imgarr huma u sejrin biex jaqtghu il-biljett). L-appellant, ghalhekk, kellu mhux biss zmien bizzejjed biex jintebah bil-martell izda anke biex, jekk il-martell ma kienx proprjeta` tieghu, almenu jistaqsi lill-ohrajn x'kien qed jaghmel hemm dak il-martell. Jigi precizat, pero`, li l-appellant fl-istqarrija tieghu lill-Pulizija jghid li telghu Ghawdex f'xi l-hamsa w nofs, is-sitta ta' filghaxija. Jghid ukoll li huma t-tlieta, sakemm

[2] Cioe` l-Artikoli 707 u 708 tal-Kodici Penali Taljan.
[3] ***Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale I*** Giuffre` (Milano), 1986, pagna 372.

kienu Ghawdex, baqghu il-hin kollu flimkien (fol. 21), mentri Degiorgio jghid li huwa wassal lill-appellant x'imkien, u hu u Formosa marru jduru bil-karozza; u li kien xi siegha wara li l-appellant cemplilhom biex jergghu jghaddu ghalih (ara fol. 151). Dawn il-versjonijiet kontrastanti ftit li xejn ighinu biex jitwemmen l-appellant fir-rigward ta' dak li huwa qal lill-Pulizija fl-istqarrija tieghu.

Kollox ma kollox, din il-Qorti hi tal-fehma li, ghar-ragunijiet moghtija f'din is-sentenza u mhux ghal dawk moghtija fis-sentenza appellata, ghandha tikkonferma s-sejbien ta' htija fir-rigward ta' l-appellant, kif ukoll tikkonferma l-piena erogata mill-ewwel qorti.

Ghall-motivi premessi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------